# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa (5) ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru 278/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**It's Good Limited**
**(C-44687)**

**Vs**

**Norman Spiteri**
**(ID: 41461M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 30 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-konvenut kien impjegat tas-soċjeta' attriċi bħala Salesperson;*

    2. *Illi waħda mir-responsabbiltajiet tiegħu kienet illi jiġbor flejjes* dovuti lis-*soċjeta' attriċi;*

    3. *Illi is-soċjeta' attriċi, wara li tkellmet ma' diversi debituri, saret taf illi l-konvenut kien naqas milli jgħaddilha diversi flejjes li huwa kien ġabar f'isem is-soċjeta' attriċi u liema flejjes huwa appropjra għalih innifsu indebitament;*

    4. *Illi fil-25 ta' Novembru, 2020, il-konvenut iffirma dikjarazzjoni fejn aċċetta illi jħallas lis-soċjeta attriċi is-somma indikata fuq l-istess dikjarazzjoni (annessa u mmarkata Dok A);*

*5. Illi l-konvenut naqas milli jonora kwalunkwe ħlas;*

*6. Illi għaldaqstant qiegħda ssir dina l-kawża.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi jgħid il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara li l-konvenut approprja indebitament flejjes li huwa tħallas mingħand terzi f'isem is-soċjeta' attriċi;*

*2. Tillikwida bl-opera ta' periti nominandi s-somma komplessiva tal-ammont li ġie approprjat indebitament;*

*3. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi f'somma hekk likwidata;*

*4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandati ta' sekwestru u qbid kawtelatorji u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fil-21 ta' April 2022 il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-26 ta' Mejju 2022 u l-atti ġew ordnati li jiġu notifikati.

3. Rat illi Norman Spiteri personalment ġie notifikat fl-indirizz tiegħu 83, Vela Vista, Block C, Flat 5, Triq il-Baħħara, Qawra fis-27 ta' April 2022 (fol 9).

4. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2022, l-intimat Norman Spiteri naqas milli jidher meta ssejjħet il-kawża, u ma ġewx ippreżentati eċċezzjoniijet fit-terminu stabbilit mil-Liġi, u għalhekk l-intimat ġie dikjarat kontumaċi w il-kawża tħalliet għall-provi tas-soċjeta' rikorrenti.

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Robert Zammit**, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2022 fejn ikkonferma illi l-ammont dovut mill-intimat kien ta' ħamsa u tmenin elf, mija u tlieta u għoxrin Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€85,123.39), inkwantu għal flejjes minnu miġbura u mhux mrodda lura lis-soċjeta' rikorrenti, kif ukoll is-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u tletin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,833.41), rappreżentanti ħsarat kkawżati mill-intimat fuq il-vettura propjeta tas-soċjeta' rikorrenti HQZ 144, ossija total ta' sitta u tmenin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Euro u tmenin ċenteżmu (€86,956.80).

6. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2022, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

7. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2022 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali ta' l-intimat għat-30 ta' Ġunju 2022.

8. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2022, l-intimat la deher u wisq anqas ma ppreżenta sottomissjonijiet finali.

9. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2022, is-soċjeta' rikorrenti għarrfet illi ma kellhiex sottomissjonijiet x'tagħmel u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

10. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-5 ta' Lulju 2022.

11. Rat illi, mix-xhieda ta' Robert Zammit, mhux ikkontestati mill-intimat, w id-dokumentazzjoni eżebita mill-istess soċjeta' rikorrenti tramite ir-rappreżentant tagħha, il-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax it-talba kif dedotta mir-rikorrenti, filwaqt illi tagħraf ukoll illi s-somma attwalment dovuta tammonta għal sitta u tmenin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Euro u tmenin ċenteżmu (€86,956.80), kif aħjar deskritta fil-paragrafu ħamsa aktar 'il fuq.

12. Rat illi għalhekk it-talba tas-soċjeta' rikorrenti tirriżulta ampjament ippruvata.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talbiet rikorrenti kif dedotti u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li l-konvenut approprja indebitament flejjes li huwa tħallas mingħand terzi f'isem is-soċjeta' attriċi;

**Tillikwida** l-ammont dovut mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sitta u tmenin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Euro u tmenin ċenteżmu (€86,956.80).

**Tikkundanna** lill-konvenut Norman Spiteri jħallas lis-soċjeta' rikorrenti It's Good Limited is-somma ta' **sitta u tmenin elf, disgħa mija u sitta u ħamsin Euro u tmenin ċenteżmu (€86,956.80).**

**Spejjeż** kif mitluba jkunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**